MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-20 ta' April, 2022

Appell Inferjuri Numru 35/2014 LM

**Paul Abela Ltd kif korrett permezz ta' digriet tas-7 ta' Mejju, 2014 sabiex jaqra 'Palmar Limited'**
*('l-appellata')*

***vs*.**

**Maria Carmela Stoner**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Maria Carmela Stoner (K.I. nru. 42244(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mis-sentenza mogħtija fit-28 ta' Lulju, 2021, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mill-Bord li Jirregola l-Kera [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'] fl-ismijiet fuq premessi, li ddeċieda t-talbiet

tas-soċjetà rikorrenti **Palmar Limited** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'], billi ċaħad l-eċċezzjonijiet tal-imsemmija appellanta, filwaqt li laqa' it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti fejn ipprefriġġa terminu ta' tliet xhur mid-data tas-sentenza appellata għall-fini ta' żgumbrament, bl-ispejjeż kontra l-appellanta.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw il-kirja favur l-appellanta għall-iskop ta' abitazzjoni tal-fond numru 1, Saqqajja Steps, l-Imdina, [minn issa 'l quddiem 'il-fond'] liema fond jappartjeni lis-soċjetà appellata.

**Mertu**

3. Is-soċjetà appellata istitwiet proċeduri quddiem il-Bord permezz tal-preżentata ta' rikors fl-10 ta' April, 2014 fejn talbet sabiex l-imsemmi Bord jogħġbu jordna lill-appellanta tiżgombra mill-fond f'terminu prefiss minnu u jawtorizzaha tieħu lura dak il-fond.

4. L-appellanta laqgħet għat-talba tas-soċjetà appellata billi eċċepiet li: (i) hija ma kinitx il-leġittimu kontradittur; (ii) ma kienx minnu li hija ma kinitx tabita fil-fond, li fil-fatt kien jikkostitwixxi l-unika residenza tagħha.

## Is-Sentenza Appellata

5. Il-Bord wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***"Ikkunsidra:***

*Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha l-intimata eċċepiet li s-socjetà rikorrenti mhix l-leġittimu kontradittur stante li hija dejjem taf lil Paul Abela bħala l-persuna li kien jiffirma l-ktieb tal-kera. Is-soċjetà rikorrenti min-naħa tagħha kkontestat din l-eċċezzjoni a bażi tal-fatt illi l-fond kien ġie akkwistat mis-soċjetà Palmar Limited permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt tat-2 ta' April, 1979, kopja ta' liema ġie preżentat a folio 77-87 tal-proċess. In oltre, s-soċjetà rikorrenti preżentat ktieb tal-kera li fih kellu biss riċevuti ta' 2 kirjiet stante li wara s-sena 2012 s-soċjetà rikorrenti ma baqgħetx taċċetta kera. L-irċevuti għas-snin 2011 u 2012 li jinsabu a folio 19-20 tal-proċess lkoll juru li Paul Abela kien qiegħed jiffirma għan-nom ta' Palmar Limited.*

*Minkejja li dan il-Bord jistaqsi 'l ghaliex ma ġewx preżentati rċevuti oħra preċedenti li allegatament kienu ġew miżmuma minn Paul Abela, il-Bord ma għandux għażla oħra għajr li jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata stante li hija ma rnexxilhiex tipprova din l-eċċezzjoni a sodisfazzjoni ta' dan il-Bord.*

***Ikkunsida ulterjorament:***

*Illi jirriżulta mill-atti li meta l-kera ġiet kostitwita ma kienet saret l-ebda skrittura u li din hija kirja li taqa' fil-parametri tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-Bord jibda billi jirrileva li l-kawżali tar-rikorrenti huwa* non uso *u mhux kawżali li tirrigwarda bżonn tal-fond u għalhekk ma jistax jifhem għaliex ir-rikorrenti preżenta provi dwar x'proprjetajiet għandha f'isimha l-intimata.*

*Is-sid huwa intitolat abbażi tal-artikolu 9(a) tal-Kapitolu 69 li jirriprendi l-fond f'każ ta' bdil fid-destinazzjoni u n-nuqqas ta' użu huwa ħafna drabi ekwiparat bħala bdil ta' destinazzjoni. Di fatti il-Qrati tagħna jekwiparaw iż-żewġ termini* "non uso" *u* "użu divers" *bħala ħaġa waħda. Fil-kawża* ***Mary Borg vs Invicta Limited*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru 2014 ġie ritenut:*

"Huwa ferm paċifiku illi l-premessa ta' non użu hi kawżali sostanzjalment ta' fatt. In fatti huwa prinċipju aċċettat fid-duttrina u fil-ġurisprudenza kopjuża tagħna fuq is-suġġett illi l-kerrej li ma jużax il-post ma jkunx qed jużah skont id-destinazzjoni tiegħu.

Dan in bażi tal-insenjament ta' Laurent li, "non si usa della cosa secondo la sua destinazione non usandone."

*Illi m'hemmx dubju li l-iskop tal-kirja tal-fond inkwistjoni kien waħda residenzjali u hemm qbil ukoll li dan dejjem intuża għal skop ta' abitazzjoni.*

*Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **C. Grech & Bros Limited vs George Sammut et**, deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fid-9 ta' April, 2010:*

"Jiġi osservat bħala punt tat-tluq illi r-residenza abitwali ta' bniedem hu dak il-post fejn hu jorganizza ħajtu flimkien mal-familja tiegħu. Jikkonsegwi illi allura l-abitwalità għandha rabta mal-istabilità b'denotazzjoni ta' ċerta permanenza. Wisq raġonevolment, l-allontanamenti sporadiċi u temporanji li wieħed f'ħajtu jkollu jagħmel minħabba esiġenzi ta' xogħol jew ta' mard jew għal xi raġuni valida oħra, ma jwasslux għat-telf ta' dik l-istabilità. Ukoll, id-durata ta' dan l-istess allontament mhux bilfors, a priori, għandha tiġi meqjusa bħala xi interruzzjoni tal-legam tal-persuna ma' dik l-istess stabilità. Tista' però takkwista riljev jekk l-allontanament u s-sistemazzjoni tal-persuna f'lok ieħor jassumu l-konnotat tal-abitwalità, u dan b'mod prevalenti u permanenti fuq dak tad-dimora ta' qabel mikri lilu;

Tqum hawn il-mistoqsija dwar ir-rwol tal-intenzjoni tal-kerrej għal dak l-allontament…..Fil-ħsieb ta' din il-Qorti għalkemm il-volontà tal-kerrej, ukoll jekk iddikjarata, għandha l-importanza tagħha, għandu dejjem ikun il-materja probatorju u l-indikaturi estrinsiċi li jinżlu minnu li għandu verament jiddemostra oġġettivament l-vera intenzjoni. Hekk ad eżempju l-intenzjoni ġenwina ma titnissilx mill-fatt sic et simpliciter tat-tħollija ta' għamara fil-fond mikri jew mill-indikaturi ta' ċerti dokumenti bħal karta tal-identità u r-reġistrazzjoni tal-vot għaliex dawn joffru biss mera presunzjoni u din tista' dejjem tingħeleb minn provi oħra idoneji u konvinċenti li juru r-residenza abitwali u permanenti tal-kerrej ma baqgħetx dik tal-fond lokat għax issa saret band'oħra".

*Illi mill-provi prodotti jirriżulta li għal perijodu partikolari, l-intimata ma kinitx qiegħda tgħix ġewwa l-fond minħabba li kellha bżonn ftit għajnuna wara li għamlet operazzjoni u f'perijodu ieħor sabiex iddur b'ħuha li kien marid. Hija spjegat li tul dan l-aħħar perijodu u ċioé meta kienet tieħu ħsieb lil ħuha, hija kienet tqatta' l-ġurnata fid-dar ta' ħuha iżda kienet torqod id-dar tagħha.*

*Jingħad hawnhekk li r-rappreżentant tal-ARMS Limited ippreżenta l-kontijiet ta' dawl u ilma li jirrisalu lura għas-sena 2009. Kien biss f'erba' (4) okkażjonijiet li l-ARMS Limited ħarġet kontijiet attwali u dan qiegħed jingħad stante li kien l-perijodu kien minn Marzu tas-sena 2011 sa Awwissu tas-sena 2016.*

*Fis-sentenza* ***Bartolo & Kyle Limited vs Thomas Micallef et****, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-10 ta' April, 2018, il-Qorti ħassret deċiżjoni ta' dan il-Bord, diversament presjedut, dwar l-istess kawżali f'ċirkostanzi ta' kirja residenzjali, l-apprezzament li jrid jagħmel dan il-Bord fiċ-ċirkostanzi huwa jekk* '[i]r-rikorrenti … tatx prova li probabbilment l-inkwilin kien abbanduna l-fond.'

*Wara li l-Bord fela l-provi kollha prodotti kif fuq esposti, l-Bord huwa tal-fehma li l-intimata ma tirrisjedix b'mod permanenti jew b'mod abitwali fil-fond mertu ta' din il-kawża u li għalhekk mhix tużah għall-iskop li għalih inkera lilha. Il-Bord qed jasal ukoll għal din il-konklużjoni ta' fatt għaliex:*

(i) *L-esperti tal-Bord kkonstataw is-segwenti:*

"6.03 Id-dehra tal-kmamar hija waħda ta' abbandun u mhux abitabbli. (vide ritratt numru 20-31). Fil-fatt l-espert tekniku pprova jiftaħ il-vitan tal-kamra tal-banju u tal-kcina u dawn ma setghux jinfethu. L-unika vit li setgha jinfetah kien tal-banju u hawnhekk l-ilma li hareg kien iswed"

…

7.03 Il-vitien tal-kċina u tal-kamra tal-banju (apparti tal-banju) ma jinfetħux u dan minħabba li dawn ma ntużawx għal żmien twil u ma ġewx mantenuti."

(ii) *Il-Bord jagħmel riferiment għar-ritratt meħud mill-Esperti tal-Bord li jinsab a folio 316 tal-proċess li juri li l-ilma minn ġol-banju huwa ta' kulur iswed.*

(iii) *Il-ġirien spjegaw li filwaqt li fiż-żmien kienu jaraw lill-intimata dieħla u ħierġa, fl-aħħar snin huma ma baqgħux jarawha u kien ikollha posta mdendla u ħmieġ u dehra ta' telqa quddiem il-bieb ta' barra."*

## <u>L-Appell</u>

6. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-12 ta' Awwissu, 2021 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha u tiċħad it-talbiet tas-soċjetà appellata, bl-ispejjeż kontra din tal-aħħar. Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li l-Bord għamel apprezzament ħażin tal-provi u għalhekk wasal għal deċiżjoni ħażina wkoll.

7. Is-soċjetà appellata wieġbet fl-24 ta' Settembru, 2021 fejn issottomettiet li l-appell interpost huwa wieħed fieragħ u għandu jiġi miċħud, filwaqt li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u għalhekk għandha tiġi kkonfermata.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Bord fis-sentenza appellata u tas-sottomissjonijiet magħmulin mis-soċjetà appellata.

9. L-appellanta tgħid li l-aggravju tagħha huwa li l-Bord għamel apprezzament ħażin tal-provi mressqa quddiemu u saħansitra ma kkonsidrax il-veraċità tal-provi, ir-raġunijiet u l-argumenti li hija ġabet quddiemu. Hija tiċċita dik il-parti tas-sentenza appellata fejn il-Bord spjega t-tliet raġunijiet tiegħu għad-deċiżjoni meħuda minnu, u minn hemm tgħaddi sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha fir-rigward ta' kull waħda minnhom. Għal dak li jirrigwarda l-osservazzjoni tal-Bord li l-Membri Tekniċi kienu kkonstataw abbandun mid-dehra tal-kmamar, tirrileva li l-fond huwa wieħed umduż u jinsab taħt binja antika li kienet magħrufa bħala *'Point de Vue Restaurant & Guest House'*. Tispjega li meta hija kienet tinkariga n-nies sabiex jiżbgħu, iż-żebgħa ma kinitx iżżom wisq snin minħabba l-umdità u anki peress li kien hemm ġebel li huwa pjuttost mielaħ. Iżżid tgħid li hija mara anzjana bi problemi ta' saħħa u kienet tiddependi fuq l-għajnuna għax-xogħol tad-dar. Dwar il-viti fil-fond, tgħid li dawn għadhom fl-istess stat għaliex: (a) ġaladarba hija kienet ilha żmien twil tħabbat wiċċha mal-persekuzzjoni tas-soċjetà appellata għall-iżgumbrament tagħha, ma kinitx ħasbet li jkun għaqli li tonfoq fis-sistema tal-kanen tal-ilma;

(b) hija kienet minn twelidha mdorrija tinħasel bi ftit ilma; (ċ) kuntrarjament għal dak li kienet issottomettiet is-soċjetà appellata, hija ma kellhiex proprjetà oħra fejn tirrisjedi. Għal dak li jirrigwarda t-tielet raġuni li fuqha sejjes id-deċiżjoni tiegħu l-Bord, l-appellanta tgħid li x-xhieda ta' Rita Sant kienet opposta għal dik tal-ġirien tagħha. Tispjega li minħabba serq fuq anzjani u anki għaliex meta ħuha marad hija kienet tmur ħdejh, hija ma kinitx baqgħet toqgħod bilqegħda ħdejn il-bieb ta' barra. Barra minn hekk, ma kienx minnu li l-bieb kien ikun maħmuġ u li l-posta kienet tkun imdendla għaliex din kienet taqa' mill-ewwel ġewwa. Hija tagħmel riferiment għall-kontro-eżami tagħha, fejn qalet li ħuha kien iwassalha lura d-dar filgħaxija sabiex torqod hemm. Għal dak li jirrigwarda l-prova tal-konsum tad-dawl u tal-ilma, tispjega li ssuċċeda li l-*meters* tas-servizzi ma kienux qegħdin jiffunzjonaw sew, u anki għaliex hija kienet biss tagħmel użu minn bozza wara l-bieb, televiżjoni u tubu tal-kċina. Tagħlaq billi tissottometti li jekk is-sentenza appellata tiġi kkonfermata, hija kienet prattikament ser tispiċċa mingħajr saqaf fuq rasha.

10. Is-soċjetà appellata twieġeb billi tgħid li l-appell intavolat mill-appellanta huwa wieħed fieragħ għall-aħħar. Tirrileva li s-sentenza appellata hija motivata permezz tar-rapport tal-Membri Tekniċi tal-Bord, li sabu li l-fond jinsab fi stat ta' abbandun u mhux abitabbli, kif saħansitra jixhdu wkoll ir-ritratti esebiti minnhom mar-relazzjoni tagħhom, u anki permezz tax-xhieda li tikkonferma li l-fond fil-fatt mhux abitat. Tikkontendi li xejn ma kienet kredibbli l-ispjegazzjoni li tagħti l-appellanta fir-rigward tal-vitien li ma setgħux jinfetħu, u li minn wieħed minnhom ħareġ ilma iswed u lanqas ma kienet ġiet sostanzjata permezz ta' xhieda l-allegazzjoni tagħha li l-familjari kienu jwasslulha l-ilma għandha

permezz ta' *jerry can.* Dan ukoll fid-dawl tal-allegata diżabilità f'idejha u tal-problemi ta' saħħa tagħha. Tgħid ukoll li meta l-appellanta ssostni li hija ma kinitx tħossha għaqlija li tonfoq il-flus sabiex issewwi s-sistema tal-ilma minħabba t-tentattivi għall-iżgumbrament tagħha, is-soċjetà appellata tgħid li dan saħansitra juri kemm tassew l-appellata taf li huwa sod il-każ kontra tagħha u tassew motivat. Is-soċjetà appellata ssostni li anki l-konsum tad-dawl juri biċ-ċar li l-fond ma kienx wieħed abitat. Tirrileva li fl-aħħar snin il-konsum reġistrat kien żero, għajr għax-xhur bejn Novembru 2015 u Mejju 2016 wara li kienu ġew intavolati l-proċeduri odjerni. Tissottometti li l-appellata ma ressqet l-ebda prova sabiex tissostanzja l-allegazzjoni tagħha li l-konsum kien wieħed baxx għaliex il-*meters* tas-servizzi ma kienux jiffunzjonaw sew, u dan l-argument tagħha u s-sottomissjoni li hija kienet tixgħel biss bozza wara l-bieb, it-televiżjoni u t-tubu tal-kċina, ma kinitx tispjega kif sal-2011 il-konsum kien wieħed regolari iżda sussegwentement niżel għal żero. Is-soċjetà appellanta tagħmel ukoll riferiment għax-xhieda tal-ġirien a *fol.* 88 u 89 tal-proċess, u tikkontendi li għalkemm dawn ġew prodotti minnha, huma kienu indipendenti u ma kellhom l-ebda interess fl-eżitu ta' dawn il-proċeduri bħal ma wara kollox kellha n-neputija tal-appellanta, li wkoll ma kkorroboratx dak li qalet dwar li kienet teħodilha l-ilma permezz ta' *jerry can.* Dawn żgur kellhom l-interess li jżommu relazzjoni tajba mal-ġara, li wara kollox ma kinitx l-appellanta. Tikkontendi li l-istess appellanta kienet ippruvat tqarraq meta saħansitra qegħdet xi ikel fil-*fridge.* Hija tagħmel riferiment għax-xhieda ta' Paul Abela, wieħed mid-diretturi, li xehed li kellhom ikunu d-diretturi tas-soċjetà appellata, li ġibdu l-attenzjoni tal-appellanta għall-fatt li kien daħal xi ilma tad-drenaġġ fil-fond. Tikkontendi li dan kollu huwa biżżejjed sabiex tintlaqa' it-talba għall-iżgumbrament.

11. Wara li kkonsidrat is-sottomissjonijiet tal-partijiet u dak kollu li ġie rilevat mill-Bord sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, din il-Qorti tgħid li s-sentenza appellata hija tajba. Il-Bord beda billi għaraf id-dritt li jagħti lis-sid il-para. (a) tal-artikolu 9 tal-Kap. 69 sabiex jieħu lura l-pussess tal-fond fejn ikun hemm bidla fid-destinazzjoni tiegħu. Il-Bord qal korrettement li l-Qrati tagħna jikkonsidraw li n-nuqqas ta' użu għandu wkoll jitqies bħala bidla fid-destinazzjoni tal-fond.

12. Imbagħad, filwaqt li għamel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet **Mary Borg *vs.* Invicta Limited** deċiża fl-1 ta' Diċembru, 2014, Il-Bord ikkonsidra wkoll dak li ntqal minn din il-Qorti, għal darb'oħra kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **C.Grech & Bros. Limited *vs.* George Sammut et** dwar il-preżunzjoni tar-residenza abitwali ta' kerrej, li tista' tiġi megħluba permezz ta' prova kuntrarja.

13. Il-Bord hawn għaraf li kien hemm żmien meta l-appellanta ma kinitx qiegħda tgħix fil-fond għaliex kellha bżonn xi għajnuna wara li għamlet operazzjoni, u anki meta kellu bżonn l-għajnuna ħuha li kien marid. Iżda mill-kontijiet tad-dawl u tal-ilma ppreżentati minn rappreżentant ta' ARMS Ltd, u li kienu jmorru lura għas-sena 2009, ikkonstata li kien biss f'erba' okkażjonijiet li l-imsemmija ARMS Limited kienet ħarġet kontijiet attwali fil-perijodu bejn is-sena 2011 u s-sena 2016. Il-Qorti tosserva li kważi fl-okkażjonijiet kollha l-oħra kien ġie stmat li ma kien hemm l-ebda konsum ta' elettriku u ta' ilma. Tagħraf ukoll li l-appellanta ma ressqet l-ebda prova jew spjegazzjoni konvinċenti sabiex tiġġustifika n-nuqqas ta' konsum regolari, anki jekk wieħed iqis l-allegazzjoni tagħha li l-*meters* li kienu jirreġistraw il-konsum ta' dawn is-servizzi ma kienux

jiffunzjonaw sew, u li allegatament hija kienet biss tagħmel użu minimu tal-imsemmija servizzi.

14. Filwaqt li l-Bord ikkonsidra dak li qalet din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Awwissu, 2018 fl-ismijiet **Bartolo & Kyle Limited *vs.* Thomas Micallef et**, u wara li eżamina l-provi mressqa quddiemu, esprima l-fehma li l-appellanta ma kinitx qegħda toqgħod fil-fond b'mod permanenti jew abitwali, u għalhekk ma kinitx qegħda tagħmel użu minnu skont l-iskop tal-kirja. Hawn il-Bord spjega li huwa kien qed iserraħ il-konklużjoni tiegħu fuq is-segwenti: (i) dak li kienu kkonstataw l-Membri Tekniċi tal-Bord fil-paragrafi 6.03 u 7.03 tar-rapport tagħhom fir-rigward tal-istat ta' abbandun, u l-fatt li l-vitien tal-kċina u tal-kamra tal-banju ma kienux jinfetħu minħabba nuqqas ta' użu u ta' manutenzjoni; (ii) ir-ritratt meħud mill-istess Membri Tekniċi esebit a *fol.* 316 tal-proċess, li fih kien jidher l-ilma iswed li kien ħareġ mill-vit tal-banju; u (iii) ix-xhieda tal-ġirien li fl-aħħar snin huma ma kienux baqgħu jaraw lill-appellanta, u din kien ikollha l-posta mdendla mal-bieb, filwaqt li quddiem il-bieb kienu osservaw il-ħmieġ u dehra ta' telqa. Il-Qorti għandha tgħid li hija tikkondividi pjenament il-fehma tal-Bord, kif imsejsa fuq ir-rapport u l-konstatazzjonijiet magħmula mill-Membri Tekniċi tiegħu u fuq ix-xhieda tal-ġirien tal-appellanta. Tagħraf li dak kollu li kkonsidra l-Bord hawn sabiex wasal għad-deċiżjoni finali tiegħu huwa tassew indikattiv tal-fatt allegat mis-soċjetà appellata li l-appellanta ma tgħix fil-fond. L-imsemmija appellanta fir-rikors tal-appell tagħha tittenta ssib skuża sabiex tirribatti kull waħda mit-tliet fatturi li fuqhom straħ il-Bord sabiex wasal għall-konklużjoni tiegħu, iżda l-Qorti xejn ma tqis l-iskużi tagħha huma konvinċenti, partikolarment meta dawn fl-ebda waqt ma ġew sostanzjati permezz ta' prova ulterjuri ċara u inekwivoka.

15. Għaldaqstant din il-Qorti ssib li l-aggravju tal-appellanta mhux ġustifikat, u għalhekk tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, b'dana li t-terminu prefiss mill-Bord għall-iżgumbrament tal-appellanta għandu jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, u dawk ta' dan l-appell għandhom ikunu wkoll a karigu tal-imsemmija appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**